# PILN gwida għall-vittmi

PUBLIC INTEREST LITIGATION NETWORK

# Il-Public Interest Litigation Network (PILN)

Il-PILN (Public Interest Litigation Network) huwa grupp ta' avukati Maltin impenjati biex jipprovdu aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi u l-familjari tagħhom billi jassistu f'każijiet li huma ta' interess pubbliku. Dan il-ktieb-gwida jwieġeb mistoqsijet dwar proċeduri legali u jagħti spjegazzjonijiet ta' termini legali relevanti fit-tali każijiet. Fl-aħħar tal-gwida hemm il-kuntatti ta' organizzazzjonijiet oħra li jistgħu jkunu ta' appoġġ għalik.

## X'għandu bżonn l-avukat tal-PILN mingħandi?

- Spjega lill-avukat il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-ilment.
- Ħalli lill-avukat jistaqsi l-mistoqsijiet neċessarji.
- Ipprovdi kopji tad-dokumenti kollha relevanti għall-każ kemm jista' jkun malajr.
- Itratta lill-avukat bir-rispett.
- Informa lill-avukat jekk tkun se tasal tard jew ma tistax iżżomm mal-appuntament.

## Hemm xi spejjeż tal-qorti u tal-avukati li għandi nħallas biex niftaħ kawża bl-għajnuna tal-PILN?

Le, is-servizzi tal-avukati tal-PILN huma pro bono. Dan ifisser li l-avukati ma jitolbux ħlas għas-servizzi li qed joffru.

L-ispejjeż tal-qorti biex tinfetaħ il-kawża jitħallsu mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia. Kwalunkwe spejjeż oħra, bħal esperti appuntati mill-qorti, jitħallsu mill-Fondazzjoni jew mill-klijent, skont il-każ.

Inti mitlub/a tirrapporta lill-Fondazzjoni jekk l-avukat jitlob rigali, ħlasijiet mhux awtorizzati jew favuri oħra bi tpattija għas-servizzi pprovduti.

## Kif nista' nikkuntattja lill-PILN dwar kawża potenzjali?

Tista' tikkuntattja lill-PILN billi tibgħat email fuq governance@piln.mt jew iċċempel fuq +356 9998 8203 biex tagħmel appuntament.

## Kif inkun naf jekk il-każ tiegħi huwiex ta' interess pubbliku?

Każ jista' jitqies ta' interess pubbliku meta:

1. qed tindirizza diskriminazzjoni sistematika li toħloq żvantaġġ inġust għalik u għal oħrajn;
2. id-drittijiet tal-bniedem tiegħek m'humiex qed jiġu mħarsa, speċjalment jekk tkun partikolarment vulnerabbli jew żvantaġġat;
3. tixtieq tindirizza żbilanċ tal-poter fis-soċjetà;
4. tixtieq tinforza s-saltna tad-dritt;
5. għandek interess privat li jista' jkollu impatt soċjali fuq il-pubbliku.

### Għadda wisq żmien mill-inċident biex nippreżenta każ?

M'hemm ebda limitu ta' żmien (perjodu preskrittiv) fejn jidħlu każijiet tad-drittijiet tal-bniedem sabiex tkun tista' tiftaħ kawża, irrispettivament minn kemm għadda żmien minn meta seħħ l-inċident. Għal kawżiet ċivili, il-perjodu preskrittiv huwa ta' sentejn mid-data tal-inċident jew reat.

## Mistoqsijiet Ġenerali

### X'inhi d-differenza bejn kawża ċivili u kawża kriminali?

Kawża ċivili hija ppreżentata meta persuna (l-attur), tallega li persuna jew entità oħra (il-konvenut) naqset milli twettaq dmir legali dovut lill-attur. L-attur jista' jitlob lill-qorti biex tordna lill-konvenut iwettaq id-dmir, jew iħallas għad-dannu li jkun sar, jew it-tnejn.

Kawża kriminali titressaq mill-Pulizija jew mill-Avukat Ġenerali meta jsir reat kontra l-Istat jew il-komunità. Id-differenza ewlenija hija li l-kawżi ċivili jibdew minn persuna privata u l-kawżi kriminali jitressqu mill-pulizija.

### X'azzjoni immedjata tista' tieħu vittma jew familjari ta' vittma biex jipproteġu l-interessi tagħhom wara inċident?

Ġeneralment, il-Pulizija tieħu kontroll tax-xena tal-inċident malli jiġi rappurtat u l-access jiġi limitat.

Jekk però jirnexxielek taċċessa b'mod legali x-xena tal-inċident, tista' tieħu ritratti tal-elementi relevanti li jistgħu jkunu utli iktar il-quddiem fil-proċess legali. (Eżempju: fil-każ ta' inċident tat-traffiku, ħu ritratti tal-post eżatt fejn seħħ l-inċident, 'stop signs', tbajja' tad-demm, eċċ)

Jekk hemm xi xhieda tal-inċident, jaf tkun idea tajba tikkuntattjahom. Ix-xhieda tagħhom jaf tkun utli matul il-proċeduri legali.

### Bejn wieħed u ieħor, kemm idum il-każ biex jiġi deċiż mill-qorti?

It-tul ta' kawża ċivili ma jistax jiġi kkalkulat minn qabel. Kull każ huwa differenti u jista' jkun suġġett għal dewmien mhux mistenni fil-qorti.

## X'inhi l-Għajnuna Legali (Legal Aid) u kif nista' naċċessaha?

L-Għajnuna Legali hija rappreżentanza legali bla ħlas li tingħata mill-Istat meta wieħed ma jiflaħx iħallas għal avukat. Madanakollu, jekk inti involut f'kawża kriminali u tixtieq tagħmel użu mill-għajnuna legali, jinħatar avukat għalik irrispettivament minn kemm għandek flus.

Biex taċċessa l-għajnuna legali għal każ ċivili, trid tilħaq ċerti kriterji:

- Ma jistax ikollok aktar minn €13,000 f'assi (likwidi jew fissi), u
- Ma tistax taqla' aktar mill-paga minima nazzjonali (madwar €11,000 fis-sena)
    - Jekk qed tħallas il-kera jew il-manteniment għat-tfal, dawn jistgħu jitnaqqsu mill-ammont totali li taqla' (iġifieri li jekk taqla' €15,000 u jkollok €6,000 f'kera, xorta tista' taċċessa s-servizz jekk tagħti prova)

Tista' ssir taf iżjed dwar l-għajnuna legali u tapplika għaliha fuq is-sit uffiċjali:
https://legalaidmalta.gov.mt

## X'għandi nagħmel jekk persuna/entità li qed infittex, tikkuntattjani direttament biex insolvi l-kwistjoni barra l-qorti?

Dejjem fittex parir legali f'każ ta' kuntatt mill-persuna/i li tkun qed tfittex. Taqbel ma' xejn mingħajr ma tikkonsulta mal-avukat tiegħek. Il-persuna tista' titlob laqgħa jew sempliċement titlob biex tiltaqa' b'mod informali biex titkellem. M'għandekx taqbel ma' ebda wieħed minn dawn it-talbiet għax jistgħu jikkompromettu l-każ u s-sigurtà tiegħek.

## Għal xiex jintitolani l-kumpens għal ħsara kkawżata mill-kriminalità?

Iċ-ċittadini Maltin u Ewropej huma intitolati li jitolbu kumpens għall-ħsara li jkunu ġarrbu:

- jekk il-ħsara tiġi rrappurtata lill-pulizija minnufih, jew
- jekk il-ħsara tirriżulta f'kawża fil-qorti kriminali.

Tali kumpens jista' jintalab jew mill-vittma stess, jew minn persuna dipendenti jew oħra jekk din tkun sofriet xi telf ta' flus jew ġarrbet spejjeż minħabba r-reat sostnut mill-vittma. Dan il-kumpens ma jistax jintalab jekk il-vittma kienet responsabbli jew parzjalment responsabbli għar-reat, skont Servizz.gov. L-ammont massimu li applikant jista' jirċievi permezz ta' dan il-fond huwa ta' €23,300 u l-ħlas isir f'somma waħda.

Dan il-kumpens, iżda, jiġi bil-kundizzjoni li jekk tirċievi l-għajnuna finanzjarja, tkun qed iċċedi d-drittijiet tiegħek bħala vittma ta' reat lill-Gvern u ma tkunx tista' tibqa' tfittex lil min wettaq ir-reat f'qorti ċivili.

## L-avukat se jkun jista' jirrappreżentani fil-qorti jekk ma nistax nattendi?

Jekk ma tistax tkun preżenti fil-qorti (minħabba raġunijiet mediċi, m'għadekx tgħix fil-pajjiż, raġunijiet ta' xogħol, eċċ.), xorta tista' tkompli bil-proċeduri tal-qorti billi tiffirma l-Prokura (imsejħa 'Power of Attorney', jew POA).

Il-POA huwa dokument legali li jippermetti lil persuna tieħu deċiżjonijiet f'isem persuna oħra. Il-persuna li tiffirma l-POA tagħha tista' tirrevokaha meta trid permezz ta' formola sempliċi li teħtieġ tiġi stampata, iffirmata u mgħoddija lill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, 2/3, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta VLT 1310. Dan kollu jista' jiġi spjegat mill-avukat tiegħek, f'każ ta' bżonn.

## Nista' nitkellem mal-midja qabel, waqt, jew wara l-kawża fil-qorti?

Iva, iżda jaqbel li tieħu parir mill-avukati tiegħek dwar dak li tgħid u meta tgħidu. Dak li tgħid lill-midja jista' jiġi interpretat ħażin u jintuża kontrik fil-qorti. Huwa d-dmir tal-avukat tiegħek li jtik parir speċifikament dwar x'għandek u x'mgħandekx tgħid lill-midja - tiddejjaqx tistaqsi u titlob risposta speċifika mill-avukat tiegħek.

B'mod ġenerali, jekk titkellem dwar il-fatti tal-każ u dwar il-vittma bħala individwu, iġifieri dwar ħajjithom, l-interessi u l-ħolm tagħhom, dan m'għandux jippreġudika l-pożizzjoni legali tiegħek. Infatti, huwa suġġeribbli li żżomm il-każ fl-interess tal-pubbliku u l-memorja tal-individwu ħajja. Però dejjem għandek titlob l-avukat tiegħek għal parir.

Importanti wkoll li tkellem lill-midja permezz ta' korrispondenza bil-miktub biex tiżgura li jkollok prova ta' dak li ġie kkomunikat. Jekk tiddeċiedi li tiftaħ kawża bis-sapport tal-PILN, il-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia se tkun hemm biex tiggwidak fuq kwistjonijiet bħal dawn matul il-proċess kollu.

## Politikant ikkuntattjani biex jappoġġja l-kawża f'ismi, x'għandi nagħmel?

Il-politikant jista' jkollu l-aħjar intenzjonijiet, iżda huwa importanti li l-każ tiegħek ma jsirx kwistjoni politika jew partiġġana. Il-ġlieda tiegħek hija għall-ġustizzja, mhux biex il-politiċi jidhru tajbin.

Jekk tiġi kkuntattjat/a minn xi ħadd (pubbliku jew privat) dwar il-każ tiegħek, ikun aħjar li tikkuntattja lill-avukat jew xi membru mill-Fondazzjoni. Tikkomunikax ma' dik il-persuna sakemm tirċievi gwida legali dwar il-pass li jmiss.

### Il-qorti qaltli li rrid nipprepara affidavit biex nirrakkonta l-verżjonijiet tiegħi ta' x'ġara. Kif għandi nagħmlu?

Affidavit hija dikjarazzjoni magħmula taħt ġurament fejn persuna tkun qed tiddikjara li ċerti fatti huma veritieri safejn jafu huma. Id-dikjarazzjoni trid tinkiteb fl-ewwel persuna, u għandhom jitniżżlu d-dettallji tal-fatti tal-avveniment li qed tirrakkonta dwaru.

Ma hemm l-ebda bżonn li l-affidavit ikun dokument twil, sakemm tniżżel id-dettallji relevanti kollha tal-avveniment.

Id-dokument irid jiġi ffirmat u ttimbrat minn nutar jew Kummissjunarju bis-setgħa li jagħti Ġurament. Tista' tagħmel dan billi tmur l-uffiċċju tal-Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġurament ġewwa l-Qrati ta' Malta. L-uffiċċju jinsab fil-ġenb tal-qrati, u l-firma u t-timbru jiġu provduti fuq ħlas ta' miżata żgħira.

## Każijiet Kriminali

### X'reati nista' nirrapporta?

Tista' tirrapporta kwalunkwe reat kriminali jew diskriminatorju li tkun xhud jew li tkun vittma tiegħu, lill-pulizija. Inkella, l-familja jew l-avukat tiegħek jistgħu jirrappurtaw reati bħal dawn f'ismek.

### Kif nista' nirrapporta reat?

Ir-reati jiġu rrappurtati lill-pulizija, verbalment jew bil-miktub. Ir-rapport għandu jinkludi:

1. id-dettalji personali tiegħek;
2. ir-reat;
3. tagħrif jew deskrizzjoni tal-ħati;
4. deskrizzjoni tal-inċident;
5. lista ta' xhieda.

Ladarba l-inċident/delitt ikun ġie rappurtat, għandek tikseb in-numru ta' referenza biex issegwi l-progress tal-każ.

### Il-każ se jmur il-qorti? Jekk iva, x'inhi l-proċedura?

Il-fatti tal-każ jiddeterminaw jekk hux se jitla' quddiem il-qorti. Jekk ikun hemm biżżejjed evidenza, il-pulizija tressaq il-każ il-qorti u għalhekk inti tista' tissejjaħ biex tixhed bħala vittma jew xhud tar-reat.

Wara rapport lill-pulizija, jekk ikun hemm biżżejjed evidenza biex issostni r-rapport, tinbeda inkjesta maġisterjali biex jiġi investigat min hu kriminalment responsabbli għar-reat. Għalkemm il-pulizija u l-maġistrat inkwirenti jaħdmu flimkien, huma jwettqu l-investigazzjonijiet separati tagħhom.

Ladarba tinħatar l-inkjesta maġisterjali, il-proċedura legali li jmiss hija l-kumpilazzjoni tal-provi. L-inkjesta maġisterjali mhux bilfors trid tiġi konkluża qabel ma tibda l-kumpilazzjoni tal-provi. Il-kumpilazzjoni tal-evidenza hija l-proċess li permezz tiegħu l-pulizija jew l-avukat tal-Avukat Ġenerali jippreżentaw il-provi kollha tagħhom quddiem il-maġistrat.

Skont is-serjetà tar-reat u l-piena li jista' jġorr, il-każ jew imur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (għal reati inqas gravi) jew il-Qorti Kriminali għal ġuri bil-ġurija. M'hemm l-ebda ġurija involuta fi proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati, jiġifieri għal reati inqas gravi.

Ġurija hija magħmula minn disa' individwi li se jkunu responsabbli għall-vot dwar jekk l-individwu li qed jiġi pproċessat huwiex ħati jew innoċenti. Jekk l-akkużat jinstab ħati, l-imħallef jiddeċiedi l-piena u jikkundanna lill-akkużat.

Jekk il-persuna li tkun ġiet ikkundannata ma taqbilx mal-verdett tal-ħati jew il-piena, tista' tappella d-deċiżjoni fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Jekk il-persuna tkun qed tiġi ġġudikata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, tista' tressaq appell fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni tal-Maġistrat. Jekk ikunu qed jiġu pproċessati fil-Qorti Kriminali, jistgħu jressqu appell fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data tas-sentenza.

# Inkjesti

## X'inhi inkjesta maġisterjali u f'liema ċirkustanzi tinbeda waħda?

Inkjesta maġisterjali hija investigazzjoni li ssir minn maġistrat biex jiġi stabbilit min hu responsabbli għal reat. Hemm żewġ prinċipji li jridu jiġu ssodisfati biex maġistrat iwettaq inkjesta maġisterjali: l-inċident irid ikollu sentenza ta' ħabs ta' aktar minn tliet snin u l-evidenza fil-każ jeħtieġ li tiġi ppreservata immedjatament.

Inkjesta maġisterjali tista' tinbeda minn maġistrat fuq talba tal-pulizija jew ċittadin privat li jkun għamel rapport jew ilment.

## Kemm iddum biex tiġi konkluża inkjesta maġisterjali?

It-tul tal-inkjesti maġisterjali jista' jvarja iżda peress li hemm daqshekk każijiet b'lura, l-inkjesti maġisterjali jistgħu jieħdu s- snin biex jiġu solvuti f'Malta, skont kemm hu kumpless l-każ.

## X'inhi inkjesta pubblika u kif inhi differenti minn inkjesta maġisterjali?

Inkjesta pubblika tista' tinħatar mill-Prim Ministru jew minn ministru, u titwettaq b'mod indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u għandha termini ta' referenza komprensivi, trasparenti u aċċessibbli. Aktar milli tivvaluta min huwa kriminalment responsabbli, bħalma tagħmel inkjesta maġisterjali, inkjesta pubblika tanalizza l-passaġġ sistemiku usa' li fih seħħ ir-reat. Inkjesta pubblika tistaqsi jekk hemmx xi nuqqasijiet fl-istruttura legali, amministrattiva jew politika tal-pajjiż. Normalment tiġi msejħa wara ħafna pressjoni politika u pubblika, kif ġieli rajna f'inkjesti pubbliċi tal-passat.

F'Malta, s'issa saru biss tlett inkjesti pubbliċi. Dawn huma l-inkjesta dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u dik dwar il-mewt tal-ħaddiem tal-kostruzzjoni Jean Paul Sofia, kif ukoll l-inkjesta pubblika tal-1996 dwar allegazzjonijiet ta' tixħim f'kuntratt għal biljetti ġodda ghal tal-linja.

## X'inhi inkjesta indipendenti u kif inhi differenti minn inkjesta pubblika?

Inkjesta indipendenti tinħatar mill-Prim Ministru biex teżamina r-responsabbiltà tal-Istat f'inċident taħt l-Att dwar l-Inkjesti, li tiffoka partikolarment fuq l-imġiba ta' kwalunkwe dipartiment tal-gvern jew uffiċjali pubbliċi; ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħhom jew kwalunkwe kwistjoni oħra li tikkonċerna s-servizz tal-gvern.

Fejn isseħħ mewta suspettuża jew vjolenti, il-gvern huwa obbligat jaħtar inkjesta indipendenti taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Iżda l-passi li jittieħdu wara l-inkjesta huma purament deċizjoni politika li spiss tħalli n-nies b'dubji jekk hux qed tinħeba xi ħaġa. Dak li jiddetermina jekk inkjesta għandhiex tkun pubblika jew le jiddependi fuq it-termini tar-referenza.

Eżempju ta' inkjesta indipendenti riċenti hija dik dwar il-femiċidju ta' Bernice Cassar.

# Każijiet Ċivili

## X'inhi l-liġi ċivili?

Il-liġi ċivili tikkonċerna d-drittijiet u l-obbligi li n-nies għandhom lejn xulxin u tipprovdi sistema ta' rimedji. Pereżempju, vittma tista tirċievi danni, li huma ammont ta' flus għad-danni kkawżati, jew jkolla l-ispejjeż tal-qorti mħallsa mill-parti telliefa tal-każ.

### Kif jiġu kkalkulati d-danni? Kemm nirċievi bejn wieħed u ieħor jekk nirbaħ il-każ tiegħi?

Jekk il-qorti tagħtik id-danni, il-qorti tqis:

- il-livell ta' diżabilità tal-vittma (valutata minn espert mediku tal-qorti);
- id-dħul tal-vittma qabel l-inċident;
- Kemm fadal snin li fihom il-vittma tista' taħdem (meta titqies l-età tal-vittma, il-bidla fil-grad tax-xogħol u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja);
- danni morali; dan ikun kumpens għat-tbatija mentali kkawżata minħabba r-reat.

Il-formula approssimattiva għall-kalkolu tal-kumpens hija:

*Dħul Annwali x Perċentwal ta' Diżabiltà x Snin li fadal sal-pensjoni – ħlas ta' somma ta' 20%.*

## Id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem

### X'inhuma d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għal min huma applikabbli?

Kull persuna, irrispettivament min-nazzjonalità, is-sess, it-twemmin reliġjuż tagħha, eċċ, għandha drittijiet u libertajiet bażiċi li huma bbażati fuq valuri komuni; bħad-dinjità, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u r-rispett. Dawn id-drittijiet huma protetti mil-liġi u qatt ma jistgħu jitneħħew, għalkemm xi drabi jistgħu jiġu ristretti. Dawn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma protetti mil-liġi domestika fil-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kunsill tal-Ewropa) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

The Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms:

- Artikolu 1 - Obbligu ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem
- Artikolu 2 - Id-dritt għall-ħajja
- Artikolu 3- Il-projbizzjoni tat-tortura
- Artikolu 4 - Il-projbizzjoni tal-iskjavitù u l-ħidma furzata
- Artikolu 5 - Id-dritt għal-libertà u s-sigurtà
- Artikolu 6 - Id-dritt għal proċediment ġust
- Artikolu 7 - L-ebda piena mingħajr liġi
- Artikolu 8 - Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja
- Artikolu 9 - Il-libertà tal-ħsieb, kuxjenza, u reliġjon
- Artikolu 10 - Il-libertà tal-espressjoni
- Artikolu 11 - Il-libertà ta' assemblea u assoċjazzjoni
- Artikolu 12 - Id-dritt taż-żwieġ
- Artikolu 13 - Id-dritt għal rimedju effettiv
- Artikolu 14 - Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni

- Artikolu 15 - Id-deroga fi żminijiet ta' emerġenza
- Artikolu 16 - Il-limitazzjonijiet fuq l-attività politika tal-barranin
- Artikolu 17 - Il-projbizzjoni tal-abbuż tad-drittijiet
- Artikolu 18 - Il-limitazzjoni tal-użu tar-restrizzjonijiet għad-drittijiet

## X'inhu meqjus bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem?

Xi ħadd jikser dritt fundamentali meta jieħu, jew ma jiħux, kwalunkwe azzjoni li ċċaħħad individwu mid-drittijiet tiegħu. Pereżempju, diskriminazzjoni fuq ix-xogħol ibbażata fuq karatteristiċi personali bħas-sesswalità jew ir-razziżmu; detenzjoni illegali jew detenzjoni taħt kundizzjonijiet mhux sanitarji u inumani; ċaħda ta' servizzi tas-saħħa; nuqqas tal-Istat li jieħu miżuri effettivi kontra l-vjolenza domestika.

## X'jiġri jekk il-każ jintrebaħ?

Inti ser tingħata kumpens finanzjarju, li jiddependi fuq is-severità tal-każ.

# Kuntatti Utli

## Fondazzjoni aditus

Assistenza legali speċifikament għal każi ta' migrazzjoni, l-ażil u LGBTIQ+

Tel: +356 20106295
Email: info@aditus.org.mt

## Caritas Malta

Sapport għal nies b'vizzju tad-droga, nies bl-epilessija, persuni mingħajr dar, eċċ.

Tel: +356 22199000
Email: info@caritasmalta.org

## Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

Sapport u protezzjoni għall-impjegati

Indirizz: 121, Melita Street, Valletta, VLT 1121
Tel: 1575
Email: info.dier@gov.mt

## Kellimni.com

Appoġġ psikoloġiku online

Website: kellimni.com

## Għajnuna Legali (Legal Aid)

Assistenza legali għal dawk li ma jaffordjawhiex

Tel: 22471500

## Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta

Tel: 21224001

## L-Isptar Mater Dei

Tel: 25450000

## L-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Il-Protezzjoni tas-saħħa fiżika, psikologika, u soċjali tal-ħaddiema

Tel: 21247677/8

## PILN

Tel: 99988203
Email: governance@piln.mt

## Fondazzjoni Richmond

Servizzi psikoloġiċi

Tel: +356 21 224580/+356 21 482336/+356 21 480045
Email: info@richmond.org.mt

## SOS Malta

Servizzi ta' sapport għal nies li qed jesperjenzaw xi tip ta' kriżi

Tel: +356 21 224580/+356 21 482336/+356 21 480045
Email: info@richmond.org.mt

# Glossarju

**Affidavit**

Din hija dikjarazzjoni bil-miktub jew dikjarazzjoni li ssir taħt ġurament, li tiddikjara li ċerti fatti huma veri sa fejn taf il-persuna. L-affidavit ġeneralment jinġabar bi tħejjija għal każ.

**Attur**

F'kawża ċivili l-attur jirreferi għall-persuna jew grupp li jibda kawża kontra persuna jew grupp ieħor. L-attur jakkuża lill-konvenut b'aġir ħażin.

**Differita**

Meta każ jiġi differit dan ifisser li l-każ ġie pospost jew ittardjat.

**Digriet**

Digriet huwa ordni mogħtija minn imħallef li jsolvi l-kwistjonijiet f'kawża fil-qorti. Hija ordni uffiċjali li għandha s-saħħa tal-liġi.

**Ezekutur**

Eżekutur huwa xi ħadd imsemmi f'testment bħala l-persuna li se twettaq ix-xewqa formali u t-testment tal-persuna li ħolqot it-testment. Dmirijiet tipiċi ta' eżekutur jinkludu l-ħlas ta' taxxi/dejn pendenti u t-tqassim ta' kwalunkwe assi li jifdal fost il-werrieta.

**Ġurament**

Ġurament huwa wegħda pubblika li persuna se twettaq xi azzjoni jew dmir, ġeneralment bil-wegħda li tagħmel dan bil-verità. Meta persuna tieħu ġurament tkun qed taħlef li se tgħid il-verità jew tiffaċċja penali. Il-ġuramenti ħafna drabi jsiru f'isem Alla.

**Ġurisdizzjoni**

Il-ġurisdizzjoni hija s-setgħa ta' qorti biex tiġġudika każijiet u toħroġ ordnijiet. Jirreferi għat-territorju li fih qorti jew aġenzija tal-gvern tista' tapplika sew is-setgħa tagħha.

**Ġurisprudenza**

L-istudju tal-liġi jew tal-każistika.

**Ilment**

Każ ċivili jinbeda ladarba l-attur iressaq ilment.

**Inter alia**

Jiġifieri 'fost affarijiet oħra'

**Konvenut**

F'kawża ċivili dan jirreferi għall-persuna li l-attur ikun talab. F'każ kriminali dan jirreferi għall-persuna li tkun ġiet akkużata bir-reat.

**Kwerela**

Ilment fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali. Ċerti reati bħall-istupru u s-serq jeħtieġu l-ilment tal-parti midruba u l-pulizija ma tistax tmexxi l-prosekuzzjoni mingħajrha.

**Liberat**

Meta akkużat jiġi rilaxxat huwa bħallikieku l-proċess qatt ma sar u għalhekk il-persuna tista' terġa' tiġi akkużata.

**Meħlus**

Illiberat mill-ħabs. Meta akkużat jiġi lliberat il-qorti tkun semgħet il-provi kollha u tasal għall-konklużjoni li hu/hi m'għandux jinstab ħati kif akkużat.

**Infondatii**

Jekk allegazzjoni li ġiet investigata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u nstabet li kienet falza jew ma kienx hemm evidenza kredibbli, allura jiġi determinat li ma seħħitx.

**Part dispożittiva**

Kull sentenza għandha "parti dispożittiva" u f'din il-parti l-qorti tagħti d-deċiżjonijiet tagħha u tordna li tittieħed azzjoni.

**Pro bono**

Il-provvista ta' servizzi legali fuq bażi ta' ħlas b'xejn jew imnaqqas b'mod sinifikanti.

**Proċeduri**

Il-metodi kollha li jinvokaw l-azzjoni ta' qorti; kwalunkwe azzjoni legali.

**Prokura**

L-awtorizzazzjoni legali għal persuna nominata biex tieħu deċiżjonijiet dwar il-proprjetà, il-finanzi jew il-kura medika ta' persuna oħra.

**Rikors**

Talba jew petizzjoni uffiċjali għal xi ħaġa, normalment issir bil-miktub.

**Rikorrent**

Persuna li tibda proċeduri legali.

**Ritrattazzjoni**

Proċess ġdid għal każ li diġà ġie ppruvat sabiex terġa' teżamina xi ftit jew il-kwistjoni kollha minn proċess konkluż. Normalment il-proċedura kompluta tkun imwarrba u ppruvata mill-ġdid mill-bidu.

**Seduta**

Sessjoni ta' qorti.

**Stħarriġ Ġudizzjarju**

Tip ta' proċedura fil-qorti li fiha imħallef jirrevedi l-legalità ta' deċiżjoni jew azzjoni magħmula minn istituzzjoni pubblika. Huma jikkontestaw il-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni u mhux id-deċiżjoni nnifisha.

**Taħrika**

Taħrika hija formola mħejjija mill-attur u maħruġa minn qorti li tinforma lill-konvenut li qed jiġu mħarrka jew li huma meħtieġa jidhru fil-qorti.

**Verbal**

Kont bil-miktub ta' seduta tal-qorti.

**Xhud**

Jirreferi għal persuna li tiġi l-qorti u taħlef taħt ġurament li tagħti xhieda veritiera. Normalment huma persuni li għandhom għarfien dirett tal-avveniment jew evidenza esperta.